**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1362/2016/1 AF**

**Schembri & Sons Limited (C-4225)**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Ltd (C-46054) u Enemalta plc (C-65836)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Schembri & Sons Limited li permezz tieghu din il-Qorti intalbet izzomm lil Automated Revenue Mangement Services u Enemalta plc milli personalment jew tramite terzi inkarigati minnhom, jiehdu passi biex jinterrompu jew jaqtghu il-provvista ta' dawl u ilma tas-socjetà rikorrenti fuq il-kont bin-numru ta' referenza 101000269118 abbazi tal-pretensjoni kif dedotta fir-rendikont anness mal-ittra ta' nhar is-6 ta' Settembru, 2016 (hawn annessa u mmarkata Dok. "A") u/jew fuq il-pretensjoni li hemm in disputa fl-arbitragg EW3594/2013.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegibiet ta' Automated Revenue Management Services Limited u Enemalta plc.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet *in camera*.

Ikkunsidrat illi:

Is-socjetà rikorrenti f'dawk il-proceduri hija klijenta ta' Enemalta plc. Mhuwiex kontestat li hemm diversi ammonti sostanzjali f'kontijiet pendenti. Jirrizulta illi ARMS Limited inizjat proceduri fic-Centru Malti tal-Arbitragg bil-ghan li tottjeni kundanna ghall-hlas. Minn naha l-ohra Schembri & Sons f'dawk il-proceduri qeghda teccepixxi t-tpacija. Dawn il-proceduri ghadhom pendenti.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*
>
> *(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

*(4) Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghal dak li rriteniet il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet taghha Mugliette vs Bonnici (25 ta' Jannar 2005):

*"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb l-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.*

*Illi minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux narmali ta' provediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli, dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent jistax jintilef*

*darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug ta' Mandat."*

Ikkunsidrat ukoll illi permezz ta' Regolament 67 tal-L.S. 545.01, Enemalta ghandha s-setgha tissospendi l-provvista tal-elettriku f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. Ir-regolament numru 67 jiddisponi hekk:

*"Jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx fi zmien erbatax-il jum minn mindu tigi prezentata, jew jekk id-depozitu mehtieg skond ir-regolament 8 ma jsirx fi zmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumtar tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel."*

Fil-kaz in ezami però jezistu divergenzi sostanzjali bejn il-partijiet dwar dak li hu effettivament dovut, kif ukoll dwar l-effett ahhari ta' laqgha li kienet saret bejn rapprezentanti taz-zewg socjetajiet fejn jidher li l-partijiet qablu li jressqu l-pendenzi quddiem ic-Centru tal-Arbitragg, kif effettivament sar.

F'dan l-assjem ta' cirkostanzi, u partikolarment tenut kont tal-posizzjoni monopolistika li tgawdi Enemalta fil-fornitura tal-elettriku, twassal lil din il-Qorti tqis li, jekk tigi maqtugha definittivament il-provista tal-elettriku lis-socjetà rikorrenti, din ma jkollha ebda triq hlief li twaqqaf immedjatament l-operat taghha kollu, u dan zgur ikun ta' pregudizzju estrem ghaliha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Schembri & Sons Limited tat-22 ta' Settembru 2016.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF